MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 27/2009/1

Lawrence Axiaq

Vs

Raymond Galea

Il-Qorti,

**PROVVEDIMENT FINALI – REVOKA MANDAT (283A tal-Kap. 12).**

Rat ir-rikors prezentat fis-27 ta’ Frar 2009 minn Raymond Galea fejn talab li a tenur ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 jithassar il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru: 27/2009 fl-ismijiet **Lawrence Axiaq vs Raymond Galea**.

Rat ir-risposta prezentata minn Lawrence Axiaq fit-12 ta’ Marzu 2009.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet verbali fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2009.

Ikkunsidrat:

1. Ir-rikorrent qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru numru 27/2009 fl-ismijiet **Lawrence Axiaq vs Raymond Galea** in kwantu jsostni li mhu dovut l-ebda hlas lill-intimat Axiaq.

2. L-intimat jippretendi li hu kreditur tar-rikorrent ghas-somma ta’ €2,213.76 skond taxxa ufficjali mahruga mir-Registratur fit-3 ta’ Ottubru 2008 (fol. 3) u dan fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet **Lawrence Axiak vs Raymond Galea et** (Cit. nru: 60/2005) deciza fit-2 ta’ Mejju 2008. F’dik is-sentenza l-qorti kkundannat lir-rikorrent Raymond Galea sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza, bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba li baqghet a karigu tal-konvenut.

3. Mill-mod kif gew kalkolati l-ispejjez mir-Registratur hu evidenti li l-ispejjez relatati mal-hames talba huma d-dritt ta’ l-avukat fl-ammont ta’ €46.59[1]. Dritt li gie mnaqqas mill-intimat Axiaq. Ghalhekk il-hlas li hu dovut mir-rikorrent lill-intimat bhala l-parti li giet kundannata taghmel tajjeb ghall-ispejjez, bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba li baqghu a karigu tal-intimat Axiaq.

4. Ghal dawk li huma spejjez ta’ Maria Antonia Azzopardi li l-qorti ordnat li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom Lawerence Axiak u li r-rikorrent jippretendi li ghandhom jitnaqqsu mill-hlas li qieghed jippretendi l-intimat, din hi materja ohra in kwantu l-intimat ma ressaq l-ebda pretensjoni fil-konfront taghha u m’hijiex parti minn dan il-procediment. Ghal dawk li huma spejjez relatati mal-partijiet komuni, hu minnu li fis-sentenza tat-2 ta’ Mejju 2008 din il-qorti ddikjarat li ghalkemm l-izvilupp hu llegali b’daqshekk ma jfissirx li m’huwiex dovut hlas relatat ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni, pero’ l-qorti ma ttrattax il-meritu dwar l-ammont li fir-realta’ jista’ jkun

[1] Ara l-ahhar faccata ta’ l-atti tal-kawza.

dovut. Filwaqt li l-intimat ghandu titolu ezekuttiv kontra r-rikorrent, ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tal-partijiet komuni.

Ghalhekk fic-cirkostanzi hu evidenti li l-ammont li qieghed jippretendi Lawrence Axiaq hu dovut. Ghaldaqstant, il-qorti tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru numru 27/2009 bl-ispejjez kontra r-rikorrent Raymond Galea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------